**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed (1)

## It-Tlieta, 2 ta' Lulju , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:35pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**ASSENTI:**

Ħadd

**MINUTI**

Eucharist Camilleri ippresjeda l-ewwel parti tal-laqgħa bħala l-aktar membru 'anzjan' fi ħdan id-disa' Kunsill Lokali tan-Nadur.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**01.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**01.2. Introduzzjoni mill-aktar membru anzjan fil-Kunsill Lokali.**

Eucharist Camilleri rringrazzja lil membri tal-Kunsill Lokali u laqa' lil membri l-ġodda tal-istess Kunsill. Huwa spjega li huwa emozzjonat li qed jerġa' jiftaħ l-ewwel laqgħa ta' Kunsill ġdid, u li huwa kburi li n-nies reġgħu afdawh bil-vot tagħhom. Hu rringrazzja lil Edward Said li dejjem emmen fih u lil kull min dejjem tah l-appoġġ, u saħaq li għandna nibnu fuq dak li bdejna u nkomplu nsaħħu flimkien.

**01.3. Ħatra tas-Sindku u l-Viċi-Sindku l-ġodda.**

Wara l-introduzzjoni tiegħu, Eucharist Camilleri talab lil Edward Said jaċċetta l-kariga ta' Sindku tad-disa' Kunsill Lokali tan-Nadur, peress li hu kien dak li ġab l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd mill-partit bil-maġġoranza. Edward Said aċċetta l-kariga ta' Sindku tal-lokalita tan-Nadur u ffirma d-dokument.

Imbagħad is-Sindku Edward Said talab lil Eucharist Camilleri sabiex jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku peress li hu kien dak li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti mill-partit fil-maġġoranza. Eucharist Camilleri aċċetta din il-kariga u kien hemm ukoll sinjal ta' approvazzjoni minn dawk preżenti.

**01.3. Komunikazzjoni mis-Sindku l-ġdid u responsabiltajiet.**

Is-Sindku laqa' lil membri kollha tal-Kunsill Lokali l-ġdid, u qal li l-vot tan-Nadurin ipoġġi fuqu ferm aktar responsabilita' peress li huma fehmu l-ħidma li kienet twettqet fil-leġislatura li għaddiet. Huwa talab sabiex issa jintesa' kull kulur politiku, u insiru skwadra li taħdem ferm aktar minn qatt qabel għal ġid tan-Nadur u n-Nadurin. Huwa saħaq li miegħu se jaħdem kulħadd u li ħaseb ħafna

sabiex kulħadd jingħata responsabiltajiet denji. Is-Sindku talab lil Minority Leader, Joseph Vella, sabiex iwassal il-messaġġ tiegħu.

Joseph Vella irringrazzja lis-Sindku tal-opportunita, u sellem lil sħabu kollha. Minn naħa tiegħu spjega li issa li ġejna eletti lkoll għandu jkollna għan wieħed, dak li nsaħħu lin-Nadur u ninsew il-kuluri. Josef Camilleri wkoll irringrazzja lil kull min emmen fih, u li issa ser ikun lest li jagħti aktar minn qabel għan-Nadur tagħna. Jean Paul Portelli kompla billi saħaq li għalih issa ma jeżistux kuluri jew uċuħ, u li jrid jagħmel minn kollox ma' sħabu sabiex nagħmlu qabża ta' kwalita. Matthias Mercieca awgura lil Kunsilliera kollha li ġew eletti u għamel appell liż-żgħażagħ biex jibqgħu jagħtu sehem fl-attivitajiet tal-Kunsill.

F'dan l-istadju, is-Sindku spjega r-responsabiltajiet ta' kull membru tal-Kunsill Lokali:

***SINDKU EDWARD SAID*:**

- **Żgħażagħ** – flimkien mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Matthias Mercieca
- **Sports u Attivita Fiżika**
- **Relazzjonijiet Pubbliċi u Kollaborazzjoni mal-Għaqdiet**
- **Xogħol Infrastrutturali, Proġetti u Manutenzjoni Ġenerali**
- **Finanzi**
- **Relazzjonijiet Internazzjonali** – flimkien mal-Viċi Sindku
- **Attivitajiet** – flimkien ma' Josef Camilleri

***VIĊI- SINDKU EUCHARIST CAMILLERI:***

- **Ħidma u Inizzjattivi Soċjali**
- **Anzjani**
- **Charter Ewropew Komunitajiet Rurali**
- **Relazzjonijiet Internazzjonali** – mas-Sindku

***MINORITY LEADER JOSEPH VELLA*:**

- **Edukazzjoni**
- **Informazzjoni lil Pubbliku**
- **Tfal**
- **Relazzjonijiet mal-Entitajiet Parastatali**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***KUNSILLIER JOSEF CAMILLERI:***

- **Attivitajiet** – mas-Sindku
- **Kultura u Siti Storiċi**
- **Servizzi fil-Komunita'**
- **Manutenzjoni u Użu tal-Ġonna Pubbliċi**

***KUNSILLIER JEAN PAUL PORTELLI:***

- **Ambjent u Indafa Pubblika**
- **Ħarsien tal-Annimali**
- **Fondi tal-Unjoni Ewropeja u Skemi mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku nnota wkoll dan li ġej:

- ***Matthias Mercieca*** – punt ta' riferiment fil-qasam taż-Żgħażagħ – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ
- ***Dr. Rita Mifsud*** – punt ta' riferiment fil-qasam tal-Edukazzjoni u Tfal – ex-Kunsilliera Lokali u membru fil-Kunsill tal-Iskola Nadur
- ***Michael Camilleri*** – punt ta' riferiment fil-qasam tal-Attivitajiet u Żgħażagħ – ex-Kunsillier u kien attiv f'dawn l-oqsma
- ***Luke Galea*** – punt ta' riferiment fil-qasam tal-Ambjent u Indafa Pubblika – ex-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, u leader tal-Grupp Nadur Nadif

Il-Viċi-Sindku talab sabiex fejn nistgħu ninvolvu wkoll lil kandidati tal-aħħar Elezzjoni, u s-Sindku innota li dan diġa huwa fil-ħsieb. Joseph Vella nnota li jista' jkun li fil-futur qarib jibdel l-impjieg tiegħu, pero s-Sindku spjega li dan ma jagħmilx differenza fir-responsabiltajiet mgħoddija lilu.

Dawk kollha preżenti aċċettaw ir-responsabiltajiet li għaddilhom is-Sindku.

### 01.4. Korrispondenza u Żviluppi oħra urġenti.

#### 01.4.1. Youth Meeting Hepstedt (Ġermanja)

Is-Sindku spjega kif hemm din l-opportunita għal 4 żgħażagħ sabiex imorru bejn 26-29 ta' Settembru 2019, bħala parti mic-Charter. Huwa stieden lil Kunsilliera l-ġodda, u lil Matthias Mercieca sabiex jikkunsidraw li jmorru u jagħtu risposta fi żmien jumejn qabel imbagħad idur fuq persuni oħra li jgħinu. Eucharist Camilleri spjega xi ftit affarijiet dwar ic-Charter.

**01.4.2. EDEN Network – Viżita Uffiċjali.**

Is-Sindku informa lil kunsill li l-Ministeru tat-Turiżmu ser jagħti exposure lill-irħula li huma parti mill-EDEN network u f'Ottubru jew Novembru ġejjin ġurnalisti u bloggers sabiex ikollhom viżita qasira fl-attrazzjonijiet tan-Nadur. Jean Paul Portelli talab lis-Sindku jinforma dwar id-dati l-quddiem.

**01.4.3. Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali.**

Is-Sindku talab lil Joseph Vella sabiex jibda' jaħdem fuq pjan sabiex napplikaw għal din l-iskema li titla sa' €3000. Joseph Vella intalab jitkellem mal-Librara u ma' Dr. Rita Mifsud għal xi ideat, u imbagħad nitolbu lil xi ħadd bħal Joe Chircop sabiex jimla l-applikazzjoni li tagħlaq fit-23 ta' Lulju. Joseph Vella staqsa numru ta' mistoqsijiet sabiex jiġbor xi informazzjoni u jkun jista' jibda jaħdem fuqha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**01.4.4. Skema Finanzjarja Animal Welfare.**

Is-Sindku talab lil Jean Paul Portelli sabiex jaħdem fuq din l-applikazzjoni ma' Dr. Romina Frendo li diġa għanda proposta aċċettata mid-Dipartiment, liema applikazzjoni tista' tammonta sa' €8000. Jean Paul Portelli ser jara d-dokumentazzjoni u jimxi minn hemm, filwaqt li l-applikazzjoni timtela' minn Dr. Frendo innifisha, li ma titħallasx ta' xogħolha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**01.4.5. Seminar LESA.**

Is-Sindku talab lil dawk interessati sabiex jattendu għal Seminar dwar Fondi li jistgħu jintużaw għal skopijiet kulturali, nhar is-Sibt 13 ta' Lulju. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tattendi u Eucharist Camilleri talab li jiġi nkluż.

**01.4.6. Kwotazzjoni Indafa Naħat ta' Kenuna u Xagħri.**

Is-Sindku nforma lil kunsill li Nicholas Zammit waqaf mill-kuntratt tiegħu peress li ma kienx qed ilaħħaq. Bhalissa Joseph Cauchi għaddej bix-xogħol b'direct order pero issa trid toħrog Kwotazzjoni. Hawnhekk qamu xi mistoqsijiet dwar kif isir ix-xogħol minn Jean Paul

Portelli u Joseph Vella, u s-Sindku spjega anke dwar il-figuri li jitħallsu ta’ dan ix-xogħol u fejn ikun hemm il-problemi. Kien hemm qbil unanimu li toħroġ il-kwotazzjoni. Eucharist Camilleri fakkar li fil-laqgħa li jmiss irridu nappuntaw Bord ta’ Evalwazzjoni mill-ġdid.

**01.4.7. Kwotazzjonijiet Wine Festival 2019.**

Is-Sindku spjega wkoll li Wine Festival kważi kollox issetjat pero issa jridu joħorġu l-kwotazzjonijiet għas-Sound u Dawl, kif ukoll rikjesta lil Għaqdiet għall-interess għall-bars tal-Wine Festival. Kien hemm qbil unanimu fuq dawn.

**01.4.8. Latrina Ġnien il-Kunsill.**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li hemm problema bil-fossa tad-drenaġġ u li tkellem ma’ Joe Paul Vella sabiex ikisser l-art, titranġa, u ssir pompa ġdida. Fuq suġġeriment ta’ Josef Camilleri, kien hemm qbil unanimu li Joe Paul Vella jaqla l-art, jinstalla tank, u jerġa’ jagħlaq, u li Jean Paul Buttigieg jinstalla pompa ġdida.

**01.4.9. Safra Dar Franġisk Grima.**

Is-Sindku informa li mill-ġdid kien mitlub li Dar Franġisk Grima jixtiequ jsiefru fejn aħna ġemellati u din id-darba jixtiequ jmorru Baveno. Huma talbu l-għajnuna tas-Sindku sabiex tiġi mħejjiha l-ġita. Is-Sindku talab li l-Kunsill jibgħat lil Peter Ray Said ma’ dan il-grupp f’isem il-Kunsill u anke peress li dawn drawh u jieħu ħsieb hu waqt il-ġita, filwaqt li ngħinu bħal ma sar dejjem fit-trasport lejn l-ajruport ta’ Malta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Eucharist Camilleri ma jistax jattendi ma dan il-grupp.

**01.4.10. Nadur Nadif.**

Is-Sindku talab lil Jean Paul Portelli sabiex jipparteċipa fil-laqgħa li jmiss ta’ dan il-grupp, maħsuba għas-Sibt 13 ta’ Lulju. Dan sabiex anke nkabbruh u nsaħħuh. Jean Paul qabel li jattendi.

**01.5. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**01.5.1.** Sindku – Yellow lines f'kantuniera fi Triq it-Tramuntana – qbil unanimu.

**01.5.2.** Sindku – Single yellow line fi Triq Karlu Zimech ħabba unloading – qbil unanimu.

**01.5.3.** Sindku – Rampa ġdida tas-sement u sement taħt bankina fi Triq Isqof Buttiġieġ – qbil unanimu.

**01.5.4.** Josef Camilleri – Titranġa rampa bis-sement fi Triq Xjuf ir-Riħ.

**01.5.5.** Josef Camilleri – Jitranga sement li kissru għas-servizzi fi Triq il-Buskett – is-Sindku ser jara x'hemm, u min suppost jagħmel ix-xogħol.

**01.5.6.** Viċi- Sindku – jinqata' ħaxix ħażin fi Triq Irdum ta' Vnuta – qbil unanimu.

**01.5.7.** Jean Paul Portelli – jinqata' ħaxix ħażin fil-passaġġ minn Triq Tiġrija għal Wied Binġemma – qbil unanimu.

**01.5.8.** Edward Said – lawn mowing tal-ħaxix tal-monument tal-Karnival – qbil unanimu.

**01.5.9.** Jean Paul Portelli – Triq it-Torri ta' Kenuna fi bżonn ta' intervent peress li nieżla. Hawnhekk is-Sindku spjega li dik issa taqa' taħt ir-responsabilita tal-Gvern Ċentrali u allura rridu nkomplu niġru warajhom bħal ma għamilna. Joseph Vella offra li jitkellem mal-Ministeru dwar dan.

**01.5.10.** Jean Paul Portelli – Fakkar dwar gutter fi Triq it-Tiġrija biex jissewwa' – is-Segretarju Eżekuttiv se tibgħat l-ilment lil MGOZ.

**01.5.11.** Jean Paul Portelli– Talab sabiex issir protezzjoni f'forma ta' railing wara l-monument tal-FECC fi Triq Għajn Qasab. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar l-aħjar tip ta' railing u Eucharist Camilleri ssuġġerixxa laqgħa mal-artist John Grima dwar dan. Kien hemm qbil unanimu dwar dan il-pass li jmiss.

**01.5.12.** Joseph Vella – Talab li jsir patching fi Triq San Koronatu – qbil unanimu.

**01.5.13.** Joseph Vella- Staqsa rigward xi pagament ta' overtime ta' ex-ħaddiem fl-iskema CWS. Is-Segretarja ser tara fuq dan. Is-Sindku spjega li dan kien tkeċċa peress li ma kienx jagħmel xogħlu.

**01.05.14.** Joseph Vella - Staqsa rigward l-istat tat-Triq tal-Bajja ta' San Blas. Is-Sindku innota li qed isiru xogħolijiet bħalissa minn naħa tal-Kunsill fil-Bajja isfel u ser titranġa biss it-triq li hemm isfel mal-bajja bl-għajnuna tal-MGOZ. Dan ser jieħu fit-tul.

**01.05.15**. Viċi-Sindku - Għamel reminder rigward ħitan tas-sejjieħ imwaqqa fil-Wied ta' Binġemma. Is-Sindku innota li peress li kienet ġejja l-Imnarja ma kienx hemm ħaddiema biex jinbena dan il-ħajt u li ser nagħtuh attenzjoni l-quddiem.

**01.05.16.** Viċi-Sindku – Għamel talba sabiex tiġi diskussa l-problema relatata mal-Għar tal-Mixta u l-aċċess tiegħu. Hawnhekk qamet diskussjoni.

## 01.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |